# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

### Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs**

**Douglas Brifa**

Il-Qorti, wara li rat l-imputazzjonijiet fil-konfront ta` **Douglas Briffa** detentur tal-karta tal-identita bin-numru 49891M li permezz tagħhom huwa ġie akkużat talli fid-29 ta' Mejju 2016 ghall-habta ta' 12.10hrs gewwa Kwartier San NikoIa, Bormla

"1) Hebbejt ghal Jolene Cordina sabiex tingurja, idejjaq jew taghmel hsara lil din il-persuna jew lil haddiehor;
2) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi insulentajt, heddidt jew ingurjajt bi kliem lil Jolene Cordina;

3) U aktar talli f'post miftuh ghal pubbliku imbuttajt lil Jolene Cordina sabiex tweggaha jew tinsulenta
4) Akkuzat ukoll talli fl-istess data, hin lok u cirkostanzi volontarjament ksirt l-buon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied."

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur li kkonferma l-imputazzjonijiet;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kienx hati taghhom

Semghet il-provi prodotti;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

Illi mill-assjem tal-provi prodotti l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-ewwel tliet imputazzjonijiet sal-grad rikjest mill-Ligi. Mhux l-istess pero jista' jinghad fir-rigward tar-raba' imputazzjoni.

# *DECIDE :*

Li wara li rat l-Artikoli 339(1)(d)(e)(l) tal-Kodici Kriminali filwaqt li ma ssibx lill-imputat hati tar-raba imputazzjoni u minnha tilliberah minn kull htija u piena dwarha ssibu hati tal-ewwel, it-tieni u tielet

imputazzjonijiet u tikkundannah ghall-hlas t'ammenda komplessiva fl-ammont ta' mitt euro (E100).

Inoltre wara li rat l-Artikolu 383 tal-Kodici Kriminali il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Jolene Cordina u kif ukoll sabiex tipprovdi ghas-salvagwardja tal-pubbliku bon-ordni qeghda torbot lil hati taht obbligazzjoni tieghu personali ghal perjodu ta' sena taht penali ta' elfejn euro (E2000).

***Mogħtija illum is-7 ta' Dicembru, 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***